**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 26 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 165/01 AE**

**Carmelo Gauci**

**vs**

**Maria Rosaria Casha Monsigneur**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) hlas ta' xoghol ta' dawl u ilma li sar fir-residenza taghha, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-19 ta' Lulju 2000 u bl-imghax kontra taghha.

Ra r-risposta tal-konvenuta li tinsab a fol. 11 tal-process u li permezz taghha eccepiet:

(a) Il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16.
(b) Li l-attur m'ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola dawn il-proceduri.
(c) It-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

It-Tribunal semgha l-provi rigward l-ewwel eccezzjoni fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2001.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukat difensuri tal-partijiet u l-atti tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Settembru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum sabiex tinghata decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra.

1. Il-partijiet qeghdin jaqblu li l-ftehim kien sabiex isir xoghol ta' plumbing u elettriku fid-dar tal-konvenuta. L-attur xehed li huwa ghamel xoghol ta' tqeghid ta' pajpijiet u wiring fis-*shower* u fil-kcina.

2. Il-partijiet m'humiex jaqblu fir-rigward taz-zmien li fih sar dan ix-xoghol. L-attur qieghed jikkontendi li x-xoghol beda ghal habta tal-Milied tas-sena 1999 u tlesta bejn Frar u Marzu tas-sena 2000.

Min-naha l-ohra l-konvenuta tghid li x-xoghol beda ghal habta tal-Milied 1998 u baqa' ghaddej sa Lulju 1999. Xehdet li:

(i) Fis-7 ta' Lulju 1999 l-attur kien mar tard biex ikompli bix-xoghol li kien qieghed jaghmel fil-kcina. Qalet li dakinhar ma damx iktar minn nofs siegha.

(ii) L-attur kien qalilha li kellu jmur ikompli bix-xoghol jew il-Gimgha jew is-Sibt ta' dik l-istess gimgha.

(iii) Qaltlu biex imur il-Gimgha peress li s-Sibt ma kienx konvenjenti ghaliha.

(iv) B'danakollu l-attur mar ghandha s-Sibt u hi rrifjutat li ddahhlu f'darha u kellhom argument.

(v) Minn dakinhar qatt ma regghet semghet xejn minghand l-attur, sakemm irceviet ittra legali f'Lulju 2000.

(vi) Ix-xoghol sar fl-istess perjodu li nstallat kcina gdida.

3. Mill-provi rrizulta li l-attur qatt ma baghat kontijiet lill-konvenuta. L-uniku dokument li ntwera lit-Tribunal kienet ittra legali datata 20 ta' Lulju 2000 u li permezz taghha l-attur interpella lill-konvenuta thallsu s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) ghax-xoghol li ghamel. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta ma tatx twegiba ghal din l-ittra.

4. Il-konvenuta qeghda tecepixxi l-preskrizzjoni ghat-tenur ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 li jipprovdi li huma preskritti bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:

*“l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu”*.

5. Huwa l-obbligu tal-konvenuta li taghti prova tal-preskrizzjoni. It-Tribunal jaghmel riferenza ghal gurisprudenza f’dan is-sens:

(i) **Maria Zammit vs Laurence James Cappello et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-19 ta’ Novembru 1962 (Vol. XLVI.i.372): *“il-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni istanti, b’mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni l-quddiem, u ghalhekk l-istess reus huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament ghall-eccezzjoni tieghu”*.

(ii) **Paolo Calleja vs Luigi Vella** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Gunju 1964 (Vol. XLVIII.i.603).

(iii) **Pasquale Bonello vs Matteo Grech** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Jannar 1875 (Vol. VII.292): *“la prescrizione e’ una eccezione opposta alla azione, ed e’ regola invariabile che il convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio’ che serve di fondamento alla sua eccezione”*.

6. Fejn il-konvenut **jirnexxielu juri li l-preskrizzjoni eccepita hi dik li tapplika** ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv, imbaghad *"sta ghall-attur kreditur li jaghzel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li taghtih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju"* (**Joseph Aquilina nomine vs Edgar Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju 1994).

7. Mill-provi rrizulta li bejn il-partijiet sehh ftehim ta' appalt. L-attur huwa kwalifikat bhala l-appaltatur tax-xoghol fejn intuza materjal li forna huwa stess. Ix-xoghol jidher li ttiehed bhala appalt bi prezz wiehed ghall bicca xoghol kollha f'daqqa, inkluz max-xoghol l-akkwist tal-materjal li kien hemm bzonn. It-Tribunal huwa tal-fehma li dan jinkwadra ruhu – ghal dik li hija preskrizzjoni – fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16) u mhux fl-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawzi fl-ismijiet: **Edgar Causon nomine vs Abdelsalam A. Sheibani nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Marzu 1991 fejn inghad: *"Illi ma hemmx dubju li din l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu – ghal dik li hija preskrizzjoni – fl-artikolu 2149 tal-Kodici Civili".* Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Victor Muscat A & CE vs Edgar Tabone** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Frar 1963 (Vol. XLVII.i.102) intqal: *"meta si tratta ta' appalt, allura hu applikabbli l-art. 2254 (illum Artikolu 2149), li jikkontempla,* ***fost***

***azzjonijiet ohra,*** *dawk ta' kuntratturi ta' bini jew xogholijiet ta' gebel jew materjal iehor"* (ara wkoll f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Agius nomine vs Norman Spiteri et nomine** deciza fil-15 ta' April 1975 li wkoll kienet titratta ghal xoghol ta' plumbing u elettriku).

8. Fil-kawza fl-ismijiet **Tommaso Pace nomine vs Salvatore Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1929 (Vol. XXVII.i.1013) inghad:

> *"La disposizione dell'Articolo 1912 (illum 2148[a]) dell'Ordinanza No. VII del 1868, secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni di sarti, calsolaj, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti meccaniche pel prezzo del loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano un impresa* ***per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti****, ai quali crediti e' applicabile la prescrizione di due anni stabilit nell'articolo 1913 (illum 2149[a]) – poiche' la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera (opera), mentre quella di cui all'articolo 1913 riguarda i crediti di coloro in cui domina il carattere speculatore, e che, piu' che la loro opera, prestano un lavoro (opus) che fina a tanto che non sia consegnato rimane a loro rischio".*

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Domenico Bezzina proprio et nomine vs John Said** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII.iii.1151) inghad: *"Id-disposizzjoni kontenuta fl-art. 2253* (illum 2148) *tirriferixxi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom, fil-waqt illi d-disposizzjoni kontenuta fl-art. 2254* (illum 2149) *tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet"* (ara wkoll **Joseph Mizzi nomine vs Joseph Delicata proprio et nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Ottubru 1954 – Vol. XXXVIII.iii.710)

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili billi din mhiex applikabbli ghall-kreditu pretiz mill-attur, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**